# ĠIMGĦA**EWROPEJA**TAL-MOBBILITÀ

16-22 TA' SETTEMBRU 2026

## Tema Annwali: Mobbilità għal kulħadd

Mobbilità għal kulħadd tfisser li naraw li kulħadd ikollu aċċess għal trasport sostenibbli, jaqla' kemm jaqla', ikun fejn ikun, u irrispettivament mill-ġeneru jew il-ħiliet. Żgħar, anzjani, jew anki dawk li għadhom ma twildux – kulħadd!

Fi stadji differenti tul il-ħajja, it-tfal, iż-żgħażagħ, l-adulti, u l-anzjani jiffaċċjaw sfidi u ostakli fir-rigward tal-mobbilità relatati mal-ħtiġijiet u l-ħiliet rispettivi tagħhom. Il-ĠIMGĦA**EWROPEJA**TAL-MOBBILITÀ tħeġġiġna nimmaġinaw mobilità fejn is-sistemi tat-trasport huma adattati għal kull grupp tal-età u jaqdu l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri kollha. Bil-kollaborazzjoni bejn gruppi tal-età differenti u bl-użu tal-ħiliet u l-assi ta' kull ġenerazzjoni, nistgħu nagħmlu l-mobilità aktar inklużiva. Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-Istrateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali b'riżultat ta' proċess ta' kokreazzjoni immplimentat tul l-aħħar sena.

Fl-2026, il-ĠIMGĦA**EWROPEJA**TAL-MOBBILITÀ tistedinna nirriflettu fuq kif il-mobbilità għal kulħadd tista' tgħin fl-ekwità u l-kollaborazzjoni interġenerazzjonali.



## 1. Mobbilità li tagħmilha eħfef li jiltaqgħu ġenerazzjonijiet differenti

Fejn il-ġenerazzjonijiet kollha jaċċessaw il-postijiet, l-attivitajiet soċjali, il-kultura, id-divertiment u s-servizzi tas-saħħa, bit-trasport bħala ġid komuni ta' kulħadd, b'għażliet aktar aċċessibbli u diversi, u bit-trasport aktar kapaċi jsostni l-ħajja ta' kuljum.

Niżguraw servizzi u offerti ta' mobbilità kemm binhar kif ukoll billejl, fil-ħinijiet aktar kwieti, u lil hinn mir-rotot li jieħdu lin-nies lejn il-postijiet tax-xogħol u lura d-dar. Nappoġġaw għażliet ta' mobbilità mmexxija mill-komunità u niftħu l-ispazji u l-laqgħat għal kulħadd, bis-servizzi tal-mobbilità meqjusa bħala iżjed minn sempliċiment infrastruttura, u bħala faċilitaturi soċjali. Nippromwovu l-offerti ta' mobbilità li huma diversi, li tista' tistrieħ fuqhom, li huma għall-but ta' kulħadd, u li huma miftuħa għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-adulti, u għall-anzjani.



## 2. Mobbilità li tagħmilha eħfef li jitkellmu bejniethom ġenerazzjonijiet differenti

Fejn ġenerazzjonijiet differenti jaqsmu ir-riżorsi tat-trasport, b'mobbilità mibnija mill-komunitajiet għalihom stess.

Nagħmlu possibbli servizzi ta' mobbilità, taħriġ, u offerti li jippermettu lil ġenerazzjonijiet differenti jaqsmu l-ħiliet u l-assi tagħhom. Ninvestu f'teknoloġiji effiċjenti tradizzjonali u ġodda biex nappoġġaw il-mobbilità u l-aċċess kemm fid-dinja reali kif ukoll fl-isfera diġitali, u nippermettu lil ġenerazzjonijiet differenti jaqsmu kif jinnavigaw l-inħawi u l-bliet tagħhom. Niffaċilitaw ambjenti innovattivi li jrawmu l-kollaborazzjoni interġenerazzjonali biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet ġodda tal-mobbilità li jqisu l-ħiliet u l-ħtiġijiet differenti.

**#MobilityWeek**





## 3. Mobbilità li tippermetti lill-ġenerazzjonijiet jiċċaqalqu b'kumdità mingħajr periklu

Servizzi u offerti ta' mobbilità siguri u ta' min joqgħod fuqhom, li jilqgħu lill-ġenerazzjonijiet kollha u jappoġġaw stil ta' ħajja aktar san għal kulħadd.

Nikkunsidraw mobbilità u spazji pubbliċi għal dawk li jgħaġġlu u għal dawk li jimxu bil-mod, għal passi, movimenti, u destinazzjonijiet differenti, b'approċċ li jqis kull stadju tal-ħajja. Nesploraw kif servizzi addizzjonali jistgħu jtejbu l-mobbilità għal ġenerazzjonijiet differenti, bħal tojlits pubbliċi, postijiet fejn tpoġġi, postijiet fid-dell, spazju miftuħ, bandli, u ħdura. Niżguraw li ma jkunx hemm ostakli fiżiċi jew diġitali fl-offerti tal-mobbilità, b'komunikazzjoni ċara, ippjanar, u mezzi ta' identifikazzjoni tar-rotta meħtieġa li jaqdu preferenzi u ħtiġijiet differenti.



## 4. Mobbilità li ssostni legat ġust u dejjiemi

Sistemi tal-mobbilità li jikkunsidraw il-preżent u jassiguraw il-futur, li jgħaqqdu, jemanċipaw u jipproteġu lill-ġenerazzjonijiet tal-lum u t'għada.

Nirriflettu fuq l-għażliet u d-deċiżjonijiet li nagħmlu b'mod konxju li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u jqisu dawk tal-ġenerazzjonijiet futuri, u nixtarru viżjoni fit-tul għall-mobilità. Niżviluppaw ippjanar tal-mobbilità responsabbli biex nappoġġaw bliet aħjar għal-lum u għal għada, b'innovazzjonijiet u għażliet li jżommu f'moħħhom il-ħiliet, ir-riżorsi, u l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Nesploraw liema ħiliet u riżorsi jistgħu jaqsmu l-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, nisimgħu l-komunitajiet u n-nies, u nikkultivaw perspettiva li tħares lejn il-ġejjieni.



#MobilityWeek